

II

(Komunikazzjonijiet)

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U
AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

AnaEE-ERIC — Konsorzju għal Infrastruttura Ewropea ta' Riċerka

STATUTI

(2022/C 88/01)

Werrej

	<i>Paġna</i>
PREAMBOLU	2
KAPITOLU 1 ELEMENTI ESSENZJALI	3
Artikolu 1 Isem	3
Artikolu 2 Sede statutorja	3
Artikolu 3 Kompitu u attivitajiet	3
Artikolu 4 Durata u proċedura għall-istralċ	4
Artikolu 5 Reġim ta' responsabbiltà	4
Artikolu 6 Politika ta' aċċess għall-utenti	4
Artikolu 7 Politika tal-Evalwazzjoni Xjentifika	5
Artikolu 8 Politika tad-Disseminazzjoni	5
Artikolu 9 Politika dwar id-Drittijiet ta' Proprjetà Intellettuali	5
Artikolu 10 Politika tal-Impjeggi	5
Artikolu 11 Politika tal-akkwist pubbliku	6
KAPITOLU 2 SĦUBIJA	6
Artikolu 12 Sħubija u entità rappreżentanti	6
Artikolu 13 Ammissjoni ta' Membru jew ta' Osservatur	6
Artikolu 14 Irtirar ta' Membru jew ta' Osservatur/Terminazzjoni ta' sħubija jew ta' status ta' Osservatur	7
KAPITOLU 3 DRITTIJET U OBBLIGI TAL-MEMBRI U TAL-OSSERVATORI	8
Artikolu 15 Membri	8
Artikolu 16 Osservaturi	8
Artikolu 17 Kontribuzzjonijiet	9
KAPITOLU 4 GOVERNANZA	9
Artikolu 18 Assemblea tal-Membri	9
Artikolu 19 Direttur Ġenerali	10
Artikolu 20 Hub Ċentrali	11

Artikolu 21	Ċentri ta' Servizzi tal-AnaEE-ERIC	12
Artikolu 22	Nodi Nazzjonali u Pjattaformi Nazzjonali	12
Artikolu 23	Bord tat-Tmexxija	12
Artikolu 24	Kumitat Konsultattiv Xjentifiku Indipendenti (ISAC)	13
Artikolu 25	Kumitat Konsultattiv Etiku Indipendenti (IEAC)	13
Artikolu 26	Kumitat tal-Partijiet Ikkonċernati	14
Artikolu 27	Korpi Sussidjarji	14
KAPITOLU 5 RAPPORTAR LILL-KUMMISSJONI EWROPEA		14
Artikolu 28	Rapportar lill-Kummissjoni Ewropea	14
KAPITOLU 6 FINANZI		15
Artikolu 29	Sena Finanzjarja	15
Artikolu 30	Riżorsi	15
Artikolu 31	Prinċipji għall-kontribuzzjonijiet tal-Membri u tal-Osservaturi	15
Artikolu 32	Baġit, prinċipji baġitarji, kontijiet u awditu	15
Artikolu 33	Taxxi	16
KAPITOLU 7 MIXXELLANJI		16
Artikolu 34	Liġi applikabbli	16
Artikolu 35	Lingwa ta' ħidma	16
Artikolu 36	Tilwim	16
Artikolu 37	Emendi għall-Istatuti, aġġornamenti u disponibbiltà	17
Artikolu 38	Dispożizzjonijiet dwar l-istabbiliment	17
Anness I	DEFINIZZJONIJIET	18
Anness II	LISTA TAL-MEMBRI, TAL-OSSERVATORI U TAL-ENTITAJIET RAPPREŻENTANTI TAGĦHOM	19
Anness III	BAGĪT – KONTRIBUZZJONIJIET	20

PREAMBOLU

WARA LI QIESU li s-sostenibbiltà tal-ekosistemi agrikoli, tal-foresti, tal-ilma ħelu u ta' ekosistemi oħrajn ġestiti u naturali hija kritika għall-futur tal-umanità, u filwaqt li huwa mifhum li s-servizzi tal-ekosistemi, kif definiti fil-Valutazzjoni tal-Ekosistema għall-Millennju, huma mhedda minħabba t-tibdil fil-klima, it-tfixkil taċ-ċikli bijoġeokimiċi, it-telf tal-bijodiversità, u t-tibdil fl-użu tal-art;

WARA LI QIESU li sabiex jiġu antiċipati u previsti l-konsegwenzi ta' dawn il-bidliet bla preċedent fis-sistema tad-dinja tagħna, hemm bżonn mhux biss ta' fehim aħjar tal-kumplessità tal-proċess tal-ekosistemi u tal-ixprunaturi tiegħu, iżda wkoll tal-akkwist ta' għarfien meħtieġ sabiex ikun hemm adattament aħjar għal futur li qed jinbidel;

WARA LI QIESU li mingħajr fehim suffiċjenti tal-interdipendenzi bejn il-funzjonament tal-ekosistemi u l-ambjent, l-Ewropa mhijiex se tkun tista' tivvaluta l-impatt tat-tibdil fil-klima, ittaffi r-riskji u tippjana kif xieraq;

FILWAQT li rrikonoxxew li l-Infrastruttura għall-Analiżi u l-Esperimentazzjoni fuq l-Ekosistemi (AnaEE-ERIC) se tkun infrastruttura unika ta' riċerka kontinentali, fit-tul, integrata u esperimentali bbażata fuq pjattaformi esperimentali avvanzati (eżistenti u ġodda) distribwiti, (pjattaformi tal-ekosistemi fil-miftuħ u fil-magħluq), pjattaformi ta' mmudellar u pjattaformi analitiċi;

FILWAQT LI RRIKONOXXEWE li l-koordinazzjoni u l-integrazzjoni ta' dawn il-Pjattaformi Nazzjonali permezz ta' entitajiet supranazzjonali (Hub Ċentrali u Ċentri ta' Servizz) se jiżguraw aċċess internazzjonali kbir, proġetti ta' riċerka fuq diversi pjattaformi, kejl u *data* mtejba u armonizzati, rabtiet bejn id-*data* u l-mudelli, aċċess miftuħ għad-*data* u sinteżi;

FILWAQT LI RRIKONOXXEW li l-AnaEE-ERIC se tiżviluppa teknoloġiji u għarfien dwar ix-xjenza u l-ġestjoni tal-ekosistemi, tikkontribwixxi għat-tranżizzjoni lejn sistemi tal-ikel sostenibbli u l-oġġettivi ġenerali tal-bijoeconomija Ewropea u l-istrateġija mill-Għalqa sal-Platt;

Għall-finijiet ta' dawn l-Istatuti, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li jinsabu fl-Anness I.

GĦALHEKK, il-Membri jitolbu lill-Kummissjoni Ewropea tistabbilixxi l-AnaEE bħala Konsorzju għal Infrastruttura Ewropea ta' Riċerka (ERIC) skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 723/2009 tal-25 ta' Ġunju 2009

FTIEHMU KIF ĠEJ:

KAPITOLU 1

ELEMENTI ESSENZJALI

Artikolu 1

Isem

Għandu jiġi stabbilit Konsorzju għal Infrastruttura Ewropea ta' Riċerka (ERIC) distribwit imsejjaħ "Analiżi u Esperimentazzjoni fuq l-Ekosistemi ERIC" (AnaEE-ERIC). Dan il-Konsorzju għandu jikkostitwixxi Konsorzju għal Infrastruttura Ewropea ta' Riċerka (ERIC) stabbilit skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 723/2009.

Artikolu 2

Sede statutorja

L-AnaEE-ERIC għandu jkollu s-sede statutorja tiegħu f'Gif-sur-Yvette, Franza.

Artikolu 3

Kompitu u attivitajiet

1. Il-kompitu prinċipali tal-AnaEE-ERIC għandu jkun li jstabbilixxi u jopera Infrastruttura ta' Riċerka distribwita ddedikata għall-Analiżi tal-Ekosistemi u l-Esperimentazzjoni fuqhom. L-għan tiegħu huwa li jipprovdi l-għodod, is-servizzi u l-għarfien meħtieġa biex jiġu indirizzati l-isfidi ambjentali u klimatiċi globali kumplessi li qegħdin jiffaċċjaw is-soċjetajiet umani.

2. L-AnaEE-ERIC għandu jopera permezz tal-Hub Ċentrali (CH), maċ-Ċentru tal-Interfaċċa u s-Sinteżi (ISC), maċ-Ċentru tat-Teknoloġija (TC) u maċ-Ċentru għall-Immudellar tad-Data (DMC).

3. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, l-AnaEE-ERIC għandu:

- a. jikkoordina l-aċċess għall-Pjattaformi Nazzjonali sperimentali, analitiċi u ta' mmudellar u jorganizza l-kollaborazzjoni mal-faċilitajiet Ewropej;
- b. jiffaċilita l-programmi u l-proġetti ta' riċerka Ewropej;
- c. jiżviluppa t-teknoloġija, jarmonizza l-metodi, jibni sħubijiet industrijali u jiffaċilita t-trasferiment tal-għarfien;
- d. jikkontribwixxi għall-iskambju tal-għarfien u/jew tal-kompetenzi fiż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ERA) u jżid l-użu tal-potenzjal intellettwali fl-Ewropa kollha;
- e. jiżviluppa l-aċċess, il-kondiviżjoni u l-immudellar tad-data;
- f. jorganizza t-taħriġ;
- g. jimplimenta strateġija ta' komunikazzjoni;
- h. kwalunkwe azzjoni relatata oħra meħtieġa biex jilħaq l-għanijiet tiegħu.

4. L-AnaEE-ERIC għandu jwettaq il-kompitu prinċipali tiegħu fuq bażi mhux ekonomika. L-AnaEE-ERIC jista' jwettaq attivitajiet ekonomiċi limitati dment li dawn ikunu relatati mill-qrib mal-kompiti prinċipali stabbiliti fl-Artikolu 3(3) ta' hawn fuq u ma jipperikolawx l-ilħuq tagħhom.

*Artikolu 4***Durata u proċedura għall-istralċ**

1. L-AnaEE-ERIC għandu jiġi stabbilit għal perjodu inizjali ta' 10 snin. L-Assemblea tal-Membri tista' tiddeċiedi li testendi d-durata b'perjodi suċċessivi ta' 10 snin.
2. L-istralċ tal-AnaEE-ERIC għandu jiġi deċiż mill-Assemblea tal-Membri f'konformità mal-Artikolu 18(10) tal-Istatuti.
3. Mingħajr dewmien bla bżonn u fi kwalunkwe eventwalità fi żmien 10 jiem mill-adozzjoni tad-deċiżjoni biex jiġi stralċat l-AnaEE-ERIC, l-AnaEE-ERIC għandu jinnotifika lill-Kummissjoni Ewropea dwar id-deċiżjoni.
4. L-assi li jibqgħu wara l-ħlas tad-djun tal-AnaEE-ERIC għandhom jitqassmu bejn il-Membri prorata skont il-kontribuzzjoni annwali akkumulata tagħhom lill-AnaEE-ERIC kif speċifikat fl-Artikolu 17 tal-Istatuti.
5. Mingħajr dewmien bla bżonn, u fi kwalunkwe każ fi żmien 10 jiem mill-għeluq tal-proċedura ta' stralċ, l-AnaEE-ERIC għandu jinnotifika lill-Kummissjoni dwar dan.
6. L-AnaEE-ERIC ma għandux jibqa' jeżisti mill-jum li fih il-Kummissjoni Ewropea tippubblika l-avviż xieraq fis-serje L ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 5***Reġim ta' responsabbiltà**

1. L-AnaEE-ERIC għandu jkun responsabbli għad-djun tiegħu.
2. Ir-responsabbiltà finanzjarja tal-Membri għad-djun tal-AnaEE-ERIC, tkun xi tkun in-natura tagħhom, għandha tkun limitata għall-kontribuzzjoni rispettiva tagħhom lill-AnaEE-ERIC fir-rigward tal-aħħar sena sħiħa ta' operazzjonijiet.
3. L-AnaEE-ERIC għandu jkollu assigurazzjoni xierqa li tkopri r-riskji speċifiċi għall-attivitatijiet tiegħu.

*Artikolu 6***Politika ta' aċċess għall-utenti**

1. L-aċċess għall-faċilitajiet u s-servizzi tal-AnaEE-ERIC ipprovduti mill-Hub Ċentrali jew miċ-Ċentri tas-Servizzi tal-AnaEE-ERIC għandu jiġi pprovdut abbażi ta' prinċipji ta' aċċess miftuħ. L-AnaEE-ERIC għandu jimplementa regoli dwar l-aċċess għall-infrastruttura, b'politika ta' tariffi li tipprovdni inċentivi lill-Membri tiegħu.
2. L-AnaEE-ERIC għandu jipprovdni informazzjoni permezz tal-portal web tiegħu dwar il-gradjenti klimatiċi u bijoġeografiċi, u ħiliet u tekniki komplementari tal-pjattaformi tal-AnaEE-ERIC, sabiex jgħin lix-xjenzjati fl-istadju tal-elaborazzjoni tal-proġetti u jiffaċilita l-inkubazzjoni ta' proġetti li jużaw diversi pjattaformi fost il-membri tiegħu.
3. Il-Hub Ċentrali tal-AnaEE-ERIC għandu jagħti aċċess għall-faċilitajiet u s-servizzi tal-AnaEE-ERIC ipprovduti miċ-Ċentri tas-Servizzi jew il-Pjattaformi Nazzjonali, abbażi ta' valutazzjoni tal-kwalità xjentifika tal-użu propost, fuq il-bażi ta' evalwazzjoni xjentifika indipendenti minn kumitat espert maħtur mill-Assemblea tal-Membri u l-fattibbiltà teknika vvalutata mill-AnaEE-ERIC. Il-kwistjonijiet etiċi possibbli involuti fi proposta jiġu ttrattati mill-Kumitat Konsultattiv Indipendenti tal-Etika (ara l-Artikolu 25 tal-Istatuti).
4. Fil-każ li l-aċċess għar-riċerka għall-faċilitajiet u s-servizzi tal-AnaEE-ERIC ikollu jiġi ristrett għal raġunijiet ta' kapaċità, għandha ssir għażla skont il-proċedura stabbilita fir-Regoli dwar l-Operat tal-Istatuti, filwaqt li jitqiesu l-kriterji tal-għażla bbażati fuq l-eċċellenza xjentifika u l-fattibbiltà teknika u finanzjarja tal-proposti.
5. L-AnaEE-ERIC għandu jagħmel disponibbli l-metadata ta' kull proġett fil-bidu, kemm għall-konfigurazzjonijiet sperimentali fil-Pjattaformi Nazzjonali kif ukoll għad-*data* prodotta miċ-ċentri tas-servizzi.

6. Id-*data* għandha tkun disponibbli skont il-politika ta' aċċess miftuħ tal-AnaEE-ERIC. L-aċċess ikun irregolat skont ir-Regoli dwar l-Operat tal-Istatuti, li b'mod ġenerali jkollhom perjodu komuni ta' konċessjoni, li warajh id-*data* għandha ssir disponibbli għall-pubbliku. Il-Politika ta' Aċċess għandha tqis il-qafas ġuridiku Ewropew ⁽¹⁾ għall-Protezzjoni tad-*Data* relatat mal-kondiviżjoni ta' *data* personali tal-utenti fost il-membri.

Artikolu 7

Politika tal-Evalwazzjoni Xjentifika

L-attivitajiet tal-AnaEE-ERIC għandhom jiġu evalwati kull ħames snin minn kumitat xjentifiku indipendenti *ad hoc*. L-Assemblea tal-Membri għandha tagħti bidu għal evalwazzjoni bħal din u, jekk ikun xieraq, tagħti direzzjonijiet speċifiċi. Ir-Regoli tal-Operat jiddefinixxu l-prinċipji u l-proċeduri ta' din l-evalwazzjoni.

Artikolu 8

Politika tad-Disseminazzjoni

1. L-AnaEE-ERIC għandu jkun faċilitatur tar-riċerka, u bħala regola ġenerali, għandu jhegġegħ l-aktar aċċess liberu possibbli għad-*data* ta' riċerka.
2. L-AnaEE-ERIC għandu jitlob lill-utenti biex jagħmlu r-riżultati tar-riċerka tagħhom disponibbli għall-pubbliku, u jagħmlu r-riżultati tagħhom disponibbli permezz tal-AnaEE-ERIC.
3. L-AnaEE-ERIC għandu juża diversi mezzi biex jilħaq l-udjenzi fil-mira, inkluż portal web, bullettin, workshops, preżenza f'konferenzi, artikli f'rivisti u fil-gazzetti ta' kuljum, networks soċjali, eċċ.

Artikolu 9

Politika dwar id-Drittijiet ta' Proprjetà Intellettuali

1. Id-drittijiet ta' proprjetà intellettuali maħluqa, miksuba, żviluppati jew li ġejjin mill-AnaEE-ERIC waqt l-attivitajiet tiegħu għandhom ikunu l-proprjetà ta' AnaEE-ERIC.
2. Soġġett għat-termini ta' kwalunkwe kuntratt bejn l-AnaEE-ERIC u l-Membri jew l-Osservaturi, id-drittijiet ta' proprjetà intellettuali kollha maħluqa, miksuba, żviluppati jew li ġejjin minn Membru jew Osservatur għandhom ikunu proprjetà ta' dak il-Membru jew Osservatur.

Artikolu 10

Politika tal-Impjeggi

1. Il-kundizzjonijiet tal-impjieg tal-AnaEE-ERIC għandhom ikunu regolati mil-liġijiet tal-pajjiż li fih ikun impjegat il-persunal jew mil-liġijiet tal-pajjiż fejn jitwettqu l-attivitajiet tal-AnaEE-ERIC.
2. Il-proċeduri tal-għażla għall-pożizzjonijiet tal-persunal tal-AnaEE-ERIC għandhom ikunu trasparenti, nondiskriminatorji u jirrispettaw l-oportunitajiet ugwali. Ir-reklutaġġ u l-impjieg ma għandhomx ikunu diskriminatorji.
3. Ir-reklutaġġ jitwettaq permezz ta' pubblikazzjoni internazzjonali ta' sejħa.

⁽¹⁾ Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*)

*Artikolu 11***Politika tal-akkwist pubbliku**

1. L-AnaEE-ERIC għandu jittratta l-kandidati tal-akkwist pubbliku u l-offerenti b'mod ugwali u mingħajr diskriminazzjoni, irrispettivament minn jekk dawn ikunux ibbażati fl-Unjoni Ewropea jew le. Il-politika dwar l-akkwist pubbliku tal-AnaEE-ERIC għandha tirrispetta l-prinċipji tat-trasparenza, tan-nondiskriminazzjoni u tal-kompetizzjoni. Regoli dettaljati u kriterji dwar il-proċeduri tal-akkwist pubbliku għandhom jiġu stabbiliti fir-Regoli tal-Operat tal-Istatuti.
2. L-akkwist pubbliku minn Membri u minn Osservaturi li jikkonċerna l-attivitajiet tal-AnaEE-ERIC għandu jsir b'tali mod li tingħata l-kunsiderazzjoni dovuta lill-ħtiġijiet, lir-reqwiziti tekniċi u lill-ispeċifikazzjonijiet tal-AnaEE-ERIC maħruġa mill-korpi rilevanti.

KAPITOLU 2

SĦUBIJA*Artikolu 12***Sħubija u entità rappreżentanti**

1. L-entitajiet li ġejjin jistgħu jsiru Membri tal-AnaEE-ERIC jew Osservaturi tal-AnaEE-ERIC mingħajr id-drittijiet tal-vot:
 - a) L-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea;
 - b) il-pajjiżi assoċjati;
 - c) pajjiżi terzi oħra li mhumiex pajjiżi assoċjati;
 - d) organizzazzjonijiet intergovernattivi.
2. Il-kundizzjonijiet sabiex isiru Membru jew Osservatur huma stipulati fl-Artikolu 13.
3. Is-sħubija fl-AnaEE-ERIC trid tinkludi mill-inqas Stat Membru wieħed u żewġ pajjiżi oħra li huma jew Stati Membri jew pajjiżi assoċjati.
4. Fi kwalunkwe każ, l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea jew il-pajjiżi assoċjati għandu jkollhom b'mod konġunt il-maġġoranza tad-drittijiet tal-vot fl-Assemblea tal-Membri. L-Assemblea tal-Membri għandha tiddetermina kwalunkwe modifika għad-drittijiet tal-vot li hija meħtieġa sabiex jiġi żgurat li l-AnaEE-ERIC ikun konformi f'kull ħin ma' dak ir-reqwizit.
5. L-entitajiet elenkati fl-Artikolu 12(1) li huma lesti li jikkontribwixxu għall-AnaEE-ERIC, iżda li għadhom mhumiex f'pożizzjoni li jissiehu bħala Membri, jistgħu japplikaw għal status ta' Osservatur.
6. Kwalunkwe Membru jew Osservatur imsemmi fil-paragrafu 1(a) sa (c) jista' jkun irrappreżentat minn entità pubblika waħda jew minn entità privata waħda b'missjoni ta' servizz pubbliku, li jagħżel huwa stess f'konformità mar-regoli u mal-proċeduri tiegħu stess. Kull Membru jew Osservatur għandu jinforma lil lill-Assemblea tal-Membri bi kwalunkwe bidla fl-entità rappreżentanti tiegħu, bid-drittijiet u bl-obbligi speċifiċi li ġew delegati lilha jew bi kwalunkwe bidla rilevanti oħra.
7. Il-Membri u l-Osservaturi tal-AnaEE-ERIC u l-entitajiet rappreżentanti tagħhom huma elenkati fl-Anness II. L-Anness II għandu jinżamm aġġornat mill-President tal-Assemblea tal-Membri.

*Artikolu 13***Ammissjoni ta' Membru jew ta' Osservatur**

1. It-termini għad-dħul ta' Membri ġodda huma dawn:
 - a) L-applikanti għandhom jippreżentaw applikazzjoni bil-miktub lill-President tal-Assemblea tal-Membri u lid-Direttur Ġenerali tal-AnaEE-ERIC;
 - b) L-applikazzjoni għandha tiddekrivi kif l-applikant se jikkontribwixxi għall-oġettivi u għall-attivitajiet tal-AnaEE-ERIC deskritti fl-Artikolu 3 u kif dan se jissodisfa l-obbligi msemmija fl-Artikolu 15;

c) L-ammissjoni ta' Membri ġodda għandha teħtieġ l-approvazzjoni tal-Assemblea tal-Membri, kif deskritt fl-Artikolu 18-(10).

2. B'mod partikolari, applikant irid ikun wera, għas-sodisfazzjon tal-Assemblea tal-Membri u vverifikat b'mezzi adegwati ta' assigurazzjoni tal-kwalità, li huwa għandu l-mezzi u l-impenn sostnut biex jagħmel dan li ġej:

- a) Jikkontribwixxi għar-riżorsi u għas-servizzi tal-AnaEE-ERIC fl-oqsma tal-esperimentazzjoni tal-ekosistemi;
- b) Jaderixxi mal-istandards ta' kwalità xjentifika u mal-proċeduri standard ta' operat stabbiliti mill-AnaEE-ERIC;
- c) Jagħmel kontribuzzjonijiet finanzjarji annwali għall-baġits annwali bbilanċjati tal-AnaEE-ERIC;
- d) Jirrispetta dawn l-Istatuti;
- e) Jimpenja ruħu għal minimu ta' ħames snin ta' sħubija fl-AnaEE-ERIC.

3. L-entitajiet elenkati fl-Artikolu 12(1) li huma lesti li jikkontribwixxu għall-AnaEE-ERIC, iżda li għadhom mhumiex f'pożizzjoni li jissiehu bħala Membri, jistgħu japplikaw għal status ta' Osservatur. It-termini għad-dħul tal-Osservaturi huma dawn:

- a) L-osservaturi għandhom jiġu ammessi għal perjodu ta' sentejn u għal mhux aktar minn żewġ perjodi;
- b) L-applikanti għandhom jippreżentaw applikazzjoni bil-miktub lill-President tal-Assemblea tal-Membri u lid-Direttur Ġenerali;
- c) L-applikazzjoni għandha tiddekrivi kif l-applikant se jikkontribwixxi għall-AnaEE-ERIC;
- d) L-ammissjoni jew ir-riammissjoni ta' Osservaturi għandha tkun soġġetta għall-approvazzjoni mill-Assemblea tal-Membri.

Artikolu 14

Irtirar ta' Membru jew ta' Osservatur/Terminazzjoni ta' sħubija jew ta' status ta' Osservatur

1. Fl-ewwel ħames snin kalendarji tal-istabbiliment tal-AnaEE-ERIC, l-ebda membru ma jista' jirtira.
2. L-ewwel sena għandha tkun sena mqassra li tibda bid-data li fiha tidħol fis-seħħ id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tistabbilixxi l-AnaEE-ERIC.
3. Wara l-ewwel ħames snin ta' sħubija, membru jista' jirtira fl-aħħar ta' sena finanzjarja, wara talba sottomessa 12-il xahar qabel l-irtirar previst.
4. Membru li jkun talab l-irtirar tiegħu ma għandux ikollu aktar drittijiet tal-vot fl-Assemblea tal-Membri sakemm id-deċiżjonijiet proposti ma jkollhomx impatt dirett fuq il-Membru kkonċernat.
5. L-osservaturi jistgħu jirtiraw fi tmiem sena finanzjarja, wara talba ppreżentata 6 xhur qabel l-irtirar previst.
6. L-obbligi finanzjarji u l-obbligi l-oħrajn kollha jridu jiġu ssodisfati qabel tmiem is-sena tal-irtirar. Skont il-ħtieġa taċ-ċirkostanzi, l-obbligi jridu jiġu ssodisfati lil hinn mid-data effettiva tal-irtirar sabiex jiġi żgurat li l-impenji legalment vinkolanti li l-AnaEE-ERIC ikun diġà daħal għalihom qabel it-talba għall-irtirar tal-Membru kkonċernat ikunu ġew issodisfati.
7. L-Assemblea tal-Membri tista' ttemm is-sħubija jew l-istatus ta' osservatur jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:
 - a) Il-Membru jew l-Osservatur ikun kiser b'mod serju obbligu wieħed jew iktar skont dawn l-Istatuti;
 - b) Il-Membru jew l-Osservatur ikun naqas milli jirregola t-tali ksur fi żmien 6 xhur minn meta jkun irċieva notifika bil-miktub dwar il-ksur mill-Assemblea tal-Membri.

8. Il-Membri jew l-Osservatur imsemmi fl-Artikolu 14-(7) għandu jkollu jispjega l-pożizzjoni tiegħu lill-Assemblea tal-Membri tal-AnaEE-ERIC qabel ma l-Assemblea tal-Membri tiegħu kwalunkwe deċiżjoni dwar il-kwistjoni.

9. L-Assemblea tal-Membri tista' wkoll tiddeċiedi, fiċ-ċirkostanzi stabbiliti skont l-Artikolu 14(7), li ma titterminax is-sħubija ta' Membru iżda li tissospendi d-dritt tal-vot ta' Membru għal ċertu perjodu ta' żmien. L-Assemblea tal-Membri tista' tistabbilixxi mill-ġdid, permezz ta' vot, id-dritt tal-vot tal-Membri f'kull ħin jekk it-tali Membru jkun irrimedja kull ksur stabbilit fl-Artikolu 14(7) għas-sodisfazzjon tal-Assemblea tal-Membri. Ir-rappreżentant tal-Membri msemmi hawn fuq jiġi eskluż mill-vot imsemmi.

10. Id-dritt tal-vot ta' Membru għandu jiġi sospiż mill-Assemblea tal-Membri sakemm l-obbligi finanzjarji li jirriżultaw mill-Anness III ta' dawn l-Istatuti ma jkunux ġew issodisfati fi żmien xieraq

11. Il-Membri jew l-Osservaturi li jirtiraw jew li jkollhom is-sħubija u l-istatus ta' osservatur tagħhom itterminati, la għandu jkollhom dritt għal restituzzjoni jew għal rimborż ta' kwalunkwe kontribuzzjoni li jkunu għamlu, u lanqas ma għandu jkollhom id-dritt għal pretensjoni għal assi tal-AnaEE-ERIC.

KAPITOLU 3

DRITTJIET U OBBLIGI TAL-MEMBRI U TAL-OSSERVATORI

Artikolu 15

Membri

1. Id-Drittijiet tal-Membri għandhom jinkludu:

- a) l-attenzenza u l-votazzjoni fl-Assemblea tal-Membri;
- b) il-parteċipazzjoni fl-iżvilupp ta' strateġiji u ta' politiki tal-AnaEE-ERIC;
- c) l-użu tal-marka tal-AnaEE-ERIC;
- d) il-parteċipazzjoni fi proposti ta' proġetti fejn l-AnaEE-ERIC jaġixxi bħala l-konsorzju li jissottometti;
- e) l-aċċess għas-servizzi u għall-attivitajiet ikkoordinati mill-AnaEE-ERIC għall-komunità tar-riċerka tiegħu.

2. Kull Membru għandu:

- a) jħallas il-kontribuzzjoni finanzjarja annwali kif speċifikat fil-baġits finanzjarji annwali rispettivi approvati mill-Assemblea tal-Membri;
- b) jaġi s-setgħa lir-rappreżentant(i) tiegħu b'awtorità sħiħa sabiex jivvota(w) fuq il-kwistjonijiet kollha mqajma waqt il-laqqgħat tal-Assemblea tal-Membri u ppubblikati fl-aġenda;
- c) jipprovdi aċċess skont il-politika ta' aċċess tal-AnaEE-ERIC għall-attivitajiet tal-Pjattaforma Nazzjonali li jikkonformaw mal-kriterji tal-AnaEE-ERIC;
- d) jippromwovi l-adozzjoni u ż-żamma tal-istandards ta' kwalità u l-proċeduri operazzjonali standard tal-AnaEE-ERIC fil-pjattaformi ta' riċerka nazzjonali kontribwenti tagħhom;
- e) jippromwovi l-użu tar-riżorsi u s-servizzi tal-AnaEE-ERIC fost ir-riċerkaturi.

Artikolu 16

Osservaturi

1. Id-drittijiet tal-Osservaturi għandhom jinkludu li:

- a) jattendu l-Assemblea tal-Membri mingħajr vot;
- b) jipparteċipaw fl-avvenimenti tal-AnaEE-ERIC, bħal workshops, konferenzi, korsijiet ta' taħriġ, u fi kwalunkwe attività oħra identifikata mill-Assemblea tal-Membri;
- c) ikollhom appoġġ mill-AnaEE-ERIC fl-iżvilupp ta' sistemi, proċessi u servizzi rilevanti.

2. Kull Osservatur għandu:
 - a) jaħtar entità rappreżentanti f'konformità mal-Artikolu 18;
 - b) jipprovdi l-kontribuzzjoni annwali determinata fir-rigward tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji annwali ġenerali tal-Membri mingħajr ma jkollu impatt fuq dawn tal-aħħar. L-ammont ta' din il-kontribuzzjoni għandu jiġi deċiż mill-Assemblea tal-Membri;
 - c) jikkontribwixxi għall-kompiti u għall-attivitajiet tal-AnaEE-ERIC kif stabbilit fl-Artikolu 3;
 - d) jidħol fi ftehim ta' Osservatur mal-AnaEE-ERIC sabiex jiġu stabbiliti t-termini u l-kundizzjonijiet li skonthom għandhom jiġu ssodisfati l-obbligi u jistgħu jiġu eżerċitati d-drittijiet ta' Osservatur.

Artikolu 17

Kontribuzzjonijiet

1. Il-Membri u l-Osservaturi għandhom jipprovdu kontribuzzjonijiet annwali kif deskritt fl-Anness III.
2. Il-kontribuzzjonijiet annwali tal-Membri u tal-Osservaturi jistgħu jiġu pprovduti bħala kontribuzzjonijiet fi flus u/jew parzjalment *in natura*. Il-prinċipji għall-kontribuzzjonijiet huma stabbiliti fl-Anness III u se jkomplu jiġu definiti fir-Regoli tal-Operat.

KAPITOLU 4

GOVERNANZA

Artikolu 18

Assemblea tal-Membri

1. L-Assemblea tal-Membri għandha tkun l-ogħla u l-aħħar korp ta' tmexxija tal-AnaEE-ERIC b'setgħat sħaħ għat-teħid ta' deċiżjonijiet u hija responsabbli għat-tmexxija u għas-superviżjoni tal-AnaEE-ERIC. Din għandha tkun magħmula mir-rappreżentanti maħtura kif xieraq tal-Membri u tal-Osservaturi tal-AnaEE-ERIC. Il-Membri u l-Osservaturi għandhom ikunu rrapreżentati minn massimu ta' żewġ persuni, persuna li jkollha għarfien espert xjentifiku u persuna oħra li tkun espert amministrattiv, il-Membri u l-Osservatur jitqiesu li huma rrapreżentati jekk tal-anqas wieħed mir-rappreżentanti tiegħu jkun preżenti fil-laqgħa.
2. Kull Membru għandu jkollu vot wieħed.
3. L-Assemblea tal-Membri għandha tagħżel President u Viċi President mid-delegazzjonijiet tal-Membri. Il-President u l-Viċi President għandhom jiġu eletti għal terminu ta' 3 (tliet) snin, bħala regola li jista' jiġġedded darba. Il-President ma jkollu ebda dritt tal-vot. Il-Viċi President jassumi l-kariga kull meta l-President ma jkunx jista' jwettaq id-dmirijiet. Id-dettalji tal-elezzjoni u t-tmexxija tal-laqgħat huma stabbiliti fir-Regoli tal-Operat adottati mill-Assemblea tal-Membri.
4. L-Assemblea tal-Membri għandha titlaqqa' mill-President b'avviż ta' mill-inqas tmien ġimgħat, u l-aġenda li tinkludi d-dokumenti tal-laqgħa għandha tiġi ċċirkolata mill-inqas ġimgħatejn qabel il-laqgħa. Normalment, l-istedina u ċ-ċirkolazzjoni tal-aġenda jiġu pprovduti b'mezzi elettroniċi. Id-dettalji huma stabbiliti fir-Regoli tal-Operat adottati mill-Assemblea tal-Membri.
5. L-Assemblea tal-Membri għandha tiltaqa' fuq bażi regolari, mill-inqas darba fis-sena. Il-laqgħa titqies li jkollha kworum jekk mill-inqas 2/3 (żewġ terzi) tal-Membri jkunu preżenti u rrapreżentati kif xieraq. Laqgħat permezz ta' parteċipazzjoni mill-bogħod, inkluż konferenzi bil-vidjow u kwalunkwe mezz elettroniku ieħor maqbul, għandhom ikunu possibbli, madankollu d-deċiżjonijiet u l-konklużjonijiet tagħhom iridu jiġu kkonfermati permezz ta' proċedura bil-miktub. Laqgħa straordinarja tal-Assemblea tal-Membri tissejjaħ jekk tintalab minn mill-inqas 1/3 (terz) tal-Membri.
6. Id-Direttur Ġenerali tal-AnaEE-ERIC għandu jattendi normalment għal-laqgħat tal-Assemblea tal-Membri.
7. L-Assemblea tal-Membri tista' tistieden lil esperti sabiex jipparteċipaw fil-laqgħat tagħha f'funzjoni konsultattiva. Jekk l-informazzjoni kunfidenzjali tiġi ttrattata fil-preżenza ta' persuni esterni, dawn iridu jiffirmaw dikjarazzjoni ta' nuqqas ta' divulgazzjoni minn qabel.

8. L-Assemblea tal-Membri għandha tiddeċiedi fuq kwalunkwe kwistjoni li hija meħtieġa biex jiġu ssodisfati l-oġġettivi tal-AnaEE-ERIC u li mhijiex espliċitament attribwita lil korp ta' governanza ieħor jew lil korp ieħor.

9. Sakemm ma jkunx iddikjarat mod ieħor b'mod espliċitu, id-deċiżjonijiet kollha tal-Assemblea tal-Membri għandhom jiġu mgħoddija b'maġġoranza sempliċi tal-voti mitfugħin.

10. Id-deċiżjonijiet li ġejjin għandhom jittieħdu b'maġġoranza kwalifikata ta' 2/3 tal-voti:

- a) Il-ħatra jew it-tkeċċija tad-Direttur Ġenerali;
- b) L-elezzjoni ta' President u ta' Viċi President skont l-Artikolu 18(3) ta' dawn l-Istatuti;
- c) L-approvazzjoni tar-Regoli tal-Operat ta' dawn l-Istatuti (liġijiet amministrattivi);
- d) L-approvazzjoni ta' kwalunkwe Regola tal-Operat tal-korpi tal-AnaEE-ERIC;
- e) L-approvazzjoni tar-Regoli dwar l-Akkwist Pubbliku tal-AnaEE-ERIC;
- f) L-approvazzjoni tal-programm ta' ħidma xjentifika annwali;
- g) L-approvazzjoni tad-dikjarazzjoni finanzjarja annwali;
- h) Modifiki għall-baġit finanzjarju annwali matul is-sena finanzjarja rispettiva li jnaqqsu jew li jżidu l-baġit b'inqas minn 4 % (erbgħa);
- i) Riżoluzzjonijiet dwar il-livell xieraq ta' dħul, inkluż il-formazzjoni ta' riżervi;
- j) Deċiżjonijiet dwar il-prinċipji tal-politika tad-*data* u l-prinċipji tal-politika tal-aċċess;
- k) Deċiżjonijiet dwar Kwistjonijiet ta' Proprjetà Intellettuali;
- l) L-Istabiliment tal-Bord tat-Tmexxija;
- m) L-adeżjoni ta' Membri ġodda u t-terminazzjoni ta' Sħubija;
- n) L-adeżjoni ta' Osservatur ġdid u t-terminazzjoni tal-istatus ta' Osservatur;
- o) L-Istralċ tal-AnaEE-ERIC.

11. Id-deċiżjonijiet li ġejjin għandhom jittieħdu b'maġġoranza kwalifikata ta' 2/3 tal-voti mitfugħin, sakemm il-kontribuzzjonijiet ta' dawn il-Membri jkunu jikkostitwixxu mhux inqas minn tliet kwarti tal-kontribuzzjonijiet totali għall-baġit tal-AnaEE-ERIC, jew sakemm il-voti affermativi jintefgħu mill-Membri kollha ħliet wieħed li jkunu preżenti jew irrappreżentati u li jivvutaw:

- a) L-approvazzjoni tar-Regoli Finanzjarji tal-AnaEE-ERIC;
- b) L-approvazzjoni tal-pjan finanzjarju ta' ħames snin;
- c) L-approvazzjoni tal-baġit finanzjarju annwali ppreżentat mid-Direttur Ġenerali;
- d) Modifiki għall-baġit finanzjarju annwali matul is-sena finanzjarja rispettiva li jnaqqsu jew li jżidu l-baġit b'aktar minn 4 % (erbgħa);
- e) Proposti għal emendi għall-Istatuti tal-AnaEE-ERIC u n-notifika rispettiva tal-Kummissjoni Ewropea għall-approvazzjoni/oġġezzjoni skont l-Artikoli 9 u 11 tar-Regolament (KE) Nru 723/2009.

12. L-astensjonijiet ma għandhomx jingħaddu bħala vot favur jew kontra r-riżoluzzjoni inkwistjoni.

Artikolu 19

Direttur Ġenerali

1. Id-Direttur Ġenerali għandu jkun l-uffiċjal kap eżekuttiv u r-rappreżentant legali tal-AnaEE-ERIC.
2. Id-Direttur Ġenerali għandu jinħatar mill-Assemblea tal-Membri wara sejħa internazzjonali. It-termini u l-kundizzjonijiet tal-ħatra huma deskritti fir-Regoli tal-Operat.

3. Id-Direttur Ġenerali għandu jkun responsabbli
 - a) Għar-rappreżentanza legali tal-AnaEE-ERIC, inkluż għall-konklużjoni ta' kuntratti u t-tweqqif ta' proċedimenti legali u amministrattivi oħrajn kif xieraq f'konformità ma' deċiżjonijiet tal-Assemblea tal-Membri;
 - b) Għall-iżvilupp tal-istrateġija tal-AnaEE-ERIC u t-twassil ta' proposti lill-Assemblea tal-Membri, abbażi tal-kontribut minn interazzjoni diretta mal-Membri, mal-Bord tat-Tmexxija, mal-bordijiet konsultattivi, man-Nodi u maċ-Ċentri ta' Servizzi tal-AnaEE-ERIC;
 - c) Għat-tmexxija, għall-amministrazzjoni u għall-ġestjoni ta' kuljum tal-AnaEE-ERIC, inkluż l-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet adottati mill-Assemblea tal-Membri, il-koordinazzjoni ta' proġetti u inizjattivi li jkunu għadhom għaddejjin, il-ħatra tal-impjegati kollha tal-AnaEE-ERIC, u t-tmexxija tas-segretarjat;
 - d) Għall-Presidenza tal-Bord tat-Tmexxija u għad-delegazzjoni tal-azzjonijiet sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet tal-AnaEE-ERIC f'kull Ċentru ta' Servizz jew Nodu Nazzjonali;
 - e) Għall-iżgurar li l-Bord tat-Tmexxija u n-Nodi joperaw skont it-termini ta' referenza stabbiliti fir-Regoli tal-Operat, u f'dan id-dokument;
 - f) Għall-organizzazzjoni tal-laqgħat tal-Assemblea tal-Membri, inkluż il-proposta ta' punti għall-aġenda tal-laqgħat u t-tnejjha u l-preżentazzjoni tar-rapport tal-attività annwali għall-approvazzjoni mill-Assemblea tal-Membri kif deskritt fl-Artikolu 28;
 - g) Għall-organizzazzjoni tal-laqgħat tal-Kumitati Konsultattivi tal-AnaEE-ERIC għall-evalwazzjoni tal-programm xjentifiku u l-politika etika skont l-Artikolu 24 u l-Artikolu 25;
 - h) Għall-evalwazzjoni u għall-intervistar ta' dawk li jkunu jixtiequ jsiru Membri jew Osservaturi ġodda sabiex jipproponi l-ammissjoni tagħhom fl-AnaEE-ERIC.
4. Id-Direttur Ġenerali għandu jipprovdi lill-Assemblea tal-Membri fi żmien sitt xhur wara t-tmiem tas-sena finanzjarja, dikjarazzjoni tal-kont tas-sena finanzjarja preċedenti, awditjata f'konformità mal-Artikolu 32. Id-dettalji ta' din id-dikjarazzjoni huma pprovduti fir-Regoli tal-Operat.
5. Id-Direttur Ġenerali għandu jipprovdi lill-Assemblea tal-Membri, sal-aħħar ta' Novembru kif spjegat ulterjorment fid-dettall fir-Regoli tal-operat:
 - a) rapport dwar il-hidma mwettqa matul is-sena b'dikjarazzjoni finanzjarja;
 - b) abbozz tal-Programm ta' Ħidma għas-sena ta' wara;
 - c) baġit previst għas-sena finanzjarja ta' wara.
6. Id-Direttur Ġenerali għandu fi kwalunkwe ħin ikun intitolat jistabbilixxi gruppi ta' ħidma sabiex jappoġġa l-attivitàjiet tal-AnaEE-ERIC f'konformità mar-Regoli tal-Operat.

Artikolu 20

Hub Ċentrali

1. Il-Hub Ċentrali jinkludi s-servizzi ta' appoġġ li ġejjin:
 - a) Assistenza lid-Direttur Ġenerali fl-implimentazzjoni tal-Programm ta' Ħidma tal-AnaEE-ERIC;
 - b) Punt ċentrali għall-komunikazzjoni mal-partijiet ikkonċernati u interazzjoni man-Nodi Nazzjonali;
 - c) Koordinazzjoni tal-Attivitajiet taċ-ċentri, inkluż attivitajiet ta' żvilupp konġunti u skambji tal-persunal;
 - d) Programmi ta' organizzazzjoni u taħriġ għall-persunal tal-pjattaformi ta' AnaEE-ERIC;
 - e) L-organizzazzjoni tal-laqgħat kollha ta' governanza u amministrattivi;
 - f) L-amministrazzjoni u l-ġestjoni tal-portal online;
 - g) Il-ġestjoni tal-attivitàjiet tal-AnaEE-ERIC;
 - h) Il-promozzjoni, il-komunikazzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni għall-AnaEE-ERIC.

2. L-impjegati tal-Hub Ċentrali għandhom jassistu lid-Direttur Ġenerali fil-kwistjonijiet kollha u jirrapportaw lilu.
3. Il-kompożizzjoni tal-impjegati tal-Hub Ċentrali u l-*modus operandi* tiegħu huma spjegati fid-dettall fir-Regoli tal-Operat.

Artikolu 21

Ċentri ta' Servizzi tal-AnaEE-ERIC

1. Iċ-Ċentri ta' Servizzi ta' AnaEE-ERIC għandhom jipprovdu għarfien espert, servizzi u għodod rilevanti għat-tweqqif tal-kompiti u tal-attivitajiet tal-AnaEE-ERIC, kif stabbilit fil-Programmi ta' Ħidma tal-AnaEE-ERIC.
2. Għandhom jiġu stabbiliti tliet Ċentri ta' Servizz taħt l-AnaEE-ERIC u taħt ir-responsabbiltà tad-Direttur Ġenerali: Iċ-Ċentru tat-Teknoloġija, iċ-Ċentru tad-Data u l-Immudellar, u iċ-Ċentru tal-Interfaċċi u s-Sinteżi.
3. Iċ-Ċentri ta' Servizzi għandhom jiġu ospitati f'pajjiżi li huma Membri tal-AnaEE-ERIC.
4. Kull Ċentru ta' Servizz għandu jkun ġestit minn Kap ta' iċ-Ċentru ta' Servizz, taħt l-awtorità tad-Direttur Ġenerali, u rreklutat skont il-Politika tal-Impjegati.

Artikolu 22

Nodi Nazzjonali u Pjattaformi Nazzjonali

1. In-Nodu Nazzjonali jkollu jew entità ġuridika jew inkella jagħti mandat lil entità ġuridika biex tirrappreżentah u tiffirma l-Ftehim Legali tas-Servizz f'ismu.
2. Kull Nodu Nazzjonali huwa rrappreżentat mill-Kuntatt tan-Nodu. Il-membri tal-AnaEE-ERIC jinfirmaw lid-Direttur Ġenerali bl-isem tal-Kuntatt tan-Nodu tagħhom. Il-Kuntatt bejn in-Nodi jiltaqa' meta jkun meħtieġ u "mill-inqas" darbtejn fis-sena mad-Direttur Ġenerali u "mill-inqas" darba fis-sena mal-Bord tat-Tmexxija.
3. Kull Nodu Nazzjonali għandu jkun marbut bi Ftehim dwar il-Livell ta' Servizz mal-AnaEE-ERIC sabiex b'mod minimu jagħti s-servizzi sabiex jiġu organizzati u kkoordinati s-servizzi tal-Pjattaformi Nazzjonali ta' Membru u sabiex jiġu organizzati komunikazzjonijiet bejn l-AnaEE-ERIC u l-Pjattaformi Nazzjonali.
4. Kull Pjattaforma Nazzjonali ta' Membru għandha tkun marbuta bi Ftehim dwar il-Livell ta' Servizz mal-AnaEE-ERIC sabiex tipprovdi s-servizzi biex topera l-Infrastruttura tar-Riċerka. Dan il-Ftehim dwar il-Livell ta' Servizz se jinkludi l-kriterji għall-Pjattaformi Nazzjonali li jridu jiġu identifikati bħala pjattaformi tal-AnaEE-ERIC.
5. B'deroga mill-Artikolu 22(4), Membru jista' jagħżel ukoll li jorbot legalment il-Pjattaformi Nazzjonali tiegħu permezz tan-Nodu Nazzjonali. Jekk ma jiġi konkluż l-ebda ftehim separat dwar il-livell ta' Servizz mal-Pjattaformi Nazzjonali skont l-Artikolu 22(4), in-Nodu Nazzjonali jikkonkludi ftehimiet legalment vinkolanti mal-Pjattaformi Nazzjonali sabiex jiggwarantixxi s-servizzi li għandhom jiġu pprovduti għall-AnaEE-ERIC. F'dan il-każ, il-Ftehim dwar il-Livell ta' Servizz man-Nodu Nazzjonali jinkludi wkoll il-kriterji għall-Pjattaformi Nazzjonali, minbarra l-Artikolu 22(3), sabiex jiġu identifikati bħala pjattaformi tal-AnaEE-ERIC.
6. Il-Kuntatt tan-Nodu għandu jipprovdi rapport lid-Direttur Ġenerali tal-AnaEE-ERIC dwar l-attivitajiet tan-Nodu Nazzjonali għall-AnaEE-ERIC fuq bażi regolari, kif definit fir-Regoli tal-Operat u fil-Ftehim dwar il-Livell ta' Servizz.

Artikolu 23

Bord tat-Tmexxija

1. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jkun magħmul mid-Direttur Ġenerali u mill-Kapijiet ta' iċ-Ċentri ta' Servizzi tal-AnaEE-ERIC. Id-Direttur Ġenerali jista' jstieden esperti, Nodu Nazzjonali u rappreżentanti tat-tip tal-Pjattaforma għal-laqgħat tal-Bord tat-Tmexxija. Il-Bord tat-Tmexxija jiltaqa' mill-inqas darba fis-sena man-Nodu Nazzjonali u ma' rappreżentanti tat-tip tal-Pjattaforma.
2. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jkun ippresedut mid-Direttur Ġenerali.

3. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jkun responsabbli:
 - a) għall-kontribuzzjoni u għall-appoġġ lid-Direttur Ġenerali fl-iżvilupp ta' abbozz ta' Programm ta' Ħidma annwali u abbozz tal-baġit (sena N), flimkien ma' abbozz preliminari ta' Programm ta' Ħidma u abbozz tal-baġit għas-sentejn ta' wara (sena N+1 u sena N+2);
 - b) għall-appoġġ lid-Direttur Ġenerali fl-eżekuzzjoni tal-Programm ta' Ħidma u għat-tweqqif ta' interazzjoni effiċjenti bejn l-AnaEE-ERIC u l-Membri u l-Osservaturi u l-utenti u l-partijiet ikkonċernati tal-AnaEE-ERIC.

Artikolu 24

Kumitat Konsultattiv Xjentifiku Indipendenti (ISAC)

1. Ir-rwol tal-ISAC huwa li jagħti pariri lill-Assemblea tal-Membri fuq il-punti li ġejjin:
 - a) Ir-reviżjoni tal-kriterji sabiex tiġi aċċettata pjattaforma fl-AnaEE-ERIC;
 - b) Parir fuq l-istrateġija tal-AnaEE-ERIC rigward il-kapaċità sperimentali u s-servizzi ta' pjattaforma tiegħu;
 - c) Kollaborazzjoni ma' infrastrutturi Ewropej jew internazzjonali oħrajn;
 - d) Analiżi tar-rapporti ta' attività tal-Hub u taċ-Ċentri ta' Servizzi u rakkomandazzjonijiet għall-programm ta' ħidma tagħhom u għall-istrateġija fit-tul tagħhom;
 - e) Rieżami okkażjonali tal-proġetti ta' riċerka jekk id-Direttur Ġenerali jitlob dan, li potenzjalment jinkludi esperti esterni;
 - f) Previżjoni dwar ix-xjenza tal-ekosistemi u r-rabta tagħha mas-sostenibbiltà tas-sistema tal-ikel, mal-bijoeconomija sostenibbli u mal-bijodiversità.
2. Il-membri tal-Kumitat Konsultattiv Xjentifiku Indipendenti għandhom jinħatru mill-Assemblea tal-Membri. Il-Kumitat Xjentifiku Konsultattiv għandu jikkonsisti minn esperti indipendenti mis-settur pubbliku jew privat b'għarfien espert ta' livell għoli fil-qasam tal-agronomija, tas-saħħa tal-pjanti, tal-ekoloġija, tal-bijodiversità, tax-xjenza ambjentali, tat-tibdil globali, tal-ġestjoni tad-*data*, tal-immudellar kif ukoll b'esperjenza fi u l-ġestjoni tal-Infrastrutturi ta' Riċerka jew ta' programmi fuq skala kbira u persuni indipendenti oħra. In-numru ta' membri għandu jkun minimu ta' 5 u massimu ta' 10.
3. Il-membri tal-Kumitat Konsultattiv Xjentifiku Indipendenti għandhom jinħatru mill-Assemblea tal-Membri għal durata ta' 5 snin, bil-possibbiltà ta' tiġdid wieħed. Huma jeleġġu President u jiltaqgħu mill-inqas darba fis-sena. Il-President jista' jiġi kkonsultat mid-Direttur Ġenerali fi kwalunkwe okkażjoni.
4. Ir-Regoli dettaljati tal-Operat tal-Kumitat Konsultattiv Xjentifiku Indipendenti għandhom jiġu adottati mill-Assemblea tal-Membri.

Artikolu 25

Kumitat Konsultattiv Etiku Indipendenti (IEAC)

1. Ir-rwol tal-IEAC huwa li jagħti pariri lill-Assemblea tal-Membri fuq kwistjonijiet etiċi li għandhom jiġu kkunsidrati miċ-Ċentri ta' Servizzi u l-Pjattaformi Nazzjonali fl-attivitàjiet tagħhom.
2. Il-membri tal-Kumitat Konsultattiv Etiku Indipendenti għandhom jinħatru mill-Assemblea tal-Membri. Il-Kumitat Konsultattiv Etiku Indipendenti għandu jikkonsisti minn esperti indipendenti mis-settur pubbliku jew privat b'għarfien espert fil-qasam tal-etika tax-xjenzi ambjentali u tal-ħajja. In-numru ta' membri għandu jkun minimu ta' 3 u massimu ta' 10.
3. Il-membri tal-Kumitat Konsultattiv Etiku Indipendenti għandhom jinħatru mill-Assemblea tal-Membri għal perjodu ta' 5 snin, bil-possibbiltà ta' tiġdid wieħed. Huma jeleġġu President u jiltaqgħu mill-inqas darba fis-sena. Il-President jista' jiġi kkonsultat mid-Direttur Ġenerali fi kwalunkwe okkażjoni.
4. Ir-Regoli tal-Operat dettaljati tal-Kumitat Konsultattiv Etiku Indipendenti għandhom jiġu adottati mill-Assemblea tal-Membri.

*Artikolu 26***Kumitat tal-Partijiet Ikkonċernati**

1. Il-Kumitat tal-Partijiet Ikkonċernati għandu jkun magħmul minn rappreżentanti tal-korpi u tal-istituzzjonijiet li għandhom interess fis-servizzi u fir-riżultati mogħtija mill-AnaEE-ERIC, bħall-utenti tal-faċilitajiet jew tad-*data* ta' AnaEE-ERIC, dawk li jfasslu l-politika, l-industriji, l-Organizzazzjonijiet Mhux Governattivi u l-media. In-numru ta' membri għandu jkun minimu ta' 10 u massimu ta' 20.
2. Ir-rwol tal-Kumitat tal-Partijiet Ikkonċernati huwa li jagħti pariri lill-Assemblea tal-Membri dwar il-punti li ġejjin:
 - a) Analiżi tar-rapporti tal-attività taċ-Ċentri ta' Servizzi u r-rakkomandazzjonijiet għall-programm ta' ħidma tagħhom u għall-istrateġija fit-tul tagħhom;
 - b) Pjan ta' komunikazzjoni;
 - c) L-elaborazzjoni ta' għodod ta' appoġġ għad-deċiżjonijiet għall-ġestjoni tal-ekosistemi;
 - d) Kollaborazzjoni ma' infrastrutturi Ewropej jew internazzjonali oħrajn.
3. Il-membri tal-Kumitat tal-Partijiet Ikkonċernati għandhom jinħatru mill-Assemblea tal-Membri għal perjodu ta' 5 snin, bil-possibbiltà ta' tiġdid wieħed. Huma jeleġġu President u jiltaqgħu mill-inqas darba fis-sena. Il-President jista' jiġi kkonsultat mid-Direttur Ġenerali fi kwalunkwe okkażjoni.
4. Ir-Regoli tal-Operat dettaljati tal-Kumitat tal-Partijiet Ikkonċernati għandhom jiġu adottati mill-Assemblea tal-Membri.

*Artikolu 27***Korpi Sussidjarji**

1. L-Assemblea tal-Membri tista' tiddeċiedi li tistabbilixxi kwalunkwe Korp Sussidjarju, kif meħtieġ miċ-ċirkostanzi, pereżempju biex tipprovdi rakkomandazzjonijiet dwar suġġetti speċifiċi.
2. Il-kompożizzjoni u r-Regoli tal-Operat tal-Korpi Sussidjarji għandhom jiġu approvati mill-Assemblea tal-Membri, f'konformità mal-Artikolu 18(10).
3. Kull Korp Sussidjarju għandu jiltaqa' mill-inqas darba fis-sena. L-Assemblea tal-Membri tista' titlob lill-President tal-Korp Sussidjarju sabiex ilaqqa' laqgħat sabiex iqis u jipprovdi rakkomandazzjonijiet dwar suġġetti speċifiċi.

KAPITOLU 5

RAPPORTAR LILL-KUMMISSJONI EWROPEA*Artikolu 28***Rapportar lill-Kummissjoni Ewropea**

1. L-AnaEE-ERIC għandu jipproduċi rapport annwali tal-attività, li b'mod partikolari għandu jinkludi l-aspetti xjentifiċi, operazzjonali u finanzjarji tal-attivitàjiet tiegħu. Ir-rapport għandu jintbagħat għall-approvazzjoni lill-Assemblea tal-Membri fi żmien erba' xhur wara t-tmiem tas-sena finanzjarja korrispondenti u mbagħad għandu jintbagħat lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet pubbliċi rilevanti fi żmien sitt xhur wara t-tmiem tas-sena finanzjarja korrispondenti. Dan ir-rapport għandu jkun magħmul disponibbli għall-pubbliku.
2. Id-Direttur Ġenerali tal-AnaEE-ERIC għandu jinforma lill-Kummissjoni bi kwalunkwe ċirkostanza li thedded li tipperikola serjament l-ilħuq tal-kompiti tal-AnaEE-ERIC jew li tfixkel lill-AnaEE-ERIC milli jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 723/2009.

KAPITOLU 6

FINANZI

Artikolu 29

Sena Finanzjarja

Is-sena finanzjarja tal-AnaEE-ERIC għandha tibda fl-1 ta' Jannar u għandha tintemm fil-31 ta' Diċembru ta' kull sena. L-ewwel sena finanzjarja tal-AnaEE-ERIC għandha tkun sena finanzjarja mqassra li tibda bid-data li fiha tidħol fis-seħħ id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tistabbilixxi l-AnaEE-ERIC.

Artikolu 30

Riżorsi

Ir-riżorsi tal-AnaEE-ERIC għandhom ikunu magħmulin minn:

1. It-tariffi tal-Membri u tal-Osservaturi skont l-Artikolu 17 u l-Artikolu 31.
2. Il-kontribuzzjoni Primjum Ospitanti, ipprovduta mill-Membri li jospitaw Ċentru ta' Servizz jew il-Hub Ċentrali, kif stabbilit fl-Anness III.
3. Kwalunkwe kontribuzzjoni oħra, bħal għotjiet jew introjtu li jirriżulta minn servizzi jew minn drittijiet ta' proprjetà intellettuali li huma proprjetà tal-AnaEE-ERIC, fil-limiti u skont it-termini approvati mill-Assemblea tal-Membri.

Artikolu 31

Prinċipji għall-kontribuzzjonijiet tal-Membri u tal-Osservaturi

1. Il-Membri u l-Osservaturi għandhom jaġġmlu kontribuzzjonijiet annwali lill-AnaEE-ERIC.
2. Il-livell ta' kontribuzzjoni tal-Membri għandu jiġi stabbilit għal ċiklu baġitarju u approvat mill-Assemblea tal-Membri, skont il-proċeduri stabbiliti fl-Artikolu 18 u fl-Anness III.
3. Kontribuzzjonijiet *in natura* għandhom jiġu kkunsidrati biss meta jsiru fil-forma ta' kontribuzzjoni effettiva u kwantifikabbli lill-AnaEE-ERIC, inkluż lill-persunal sekondarju lill-AnaEE-ERIC, u bl-approvazzjoni tal-Assemblea tal-Membri. L-Assemblea tal-Membri għandha taqbel fuq sistema kontabilistika, regoli għall-aċċettazzjoni ta' kontribuzzjonijiet *in natura* u l-valutazzjoni tal-valur tagħhom.
4. Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji għandhom isiru f'Euro.
5. Il-valur ta' kwalunkwe kontribuzzjoni *in natura* għandu jitqies meta jiġu kkalkolati l-kontribuzzjonijiet finanzjarji pprovduti matul l-istess perjodu ta' żmien, sabiex jiġi kkalkolat (i) l-ammont totali ta' kontribuzzjonijiet ipprovduti matul is-sena inkwistjoni u (ii) il-proporzjonijiet speċifiċi li jkun ikkontribwixxa kull membru għall-ammont totali ta' kontribuzzjonijiet.

Artikolu 32

Baġit, prinċipji baġitarji, kontijiet u awditu

1. Il-partiti kollha ta' dħul u ta' nfiq tal-AnaEE-ERIC għandhom ikunu inklużi fl-istimi mfassla għal kull sena finanzjarja u għandhom jintwerew fil-baġit.
2. Id-dħul u l-infiq tal-AnaEE-ERIC għandhom ikunu bbilanċjati.
3. L-Assemblea tal-Membri għandha tiżgura li r-riżorsi tal-AnaEE-ERIC jintużaw skont il-prinċipji ta' tmexxija finanzjarja tajba.
4. Il-baġit għandu jkun stabbilit u implimentat u l-kontijiet għandhom jiġu ppreżentati f'konformità mal-prinċipju tat-trasparenza.

5. Il-kontijiet tal-AnaEE-ERIC għandhom jiġu awditjati kull sena, u għandhom ikunu akkumpanjati minn rapport dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja tas-sena finanzjarja preċedenti. L-Assemblea tal-Membri għandha tapprova l-ħatra u d-durata ta' awditur estern u għandha tapprova l-kontijiet awditjati u r-rapport dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja għas-sena finanzjarja preċedenti fi żmien sitt xhur mit-tmien tas-sena finanzjarja.
6. L-AnaEE-ERIC għandu jkun soġġett għar-reqwiżiti tad-dritt applikabbli fir-rigward tat-tnejjija, tas-sottomissjoni, tal-awditjar u tal-pubblikazzjoni tal-kontijiet.

Artikolu 33

Taxxi

1. L-eżenzjonijiet mill-VAT ibbażati fuq l-Artikoli 143(1)(g) u 151(1)(b) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE u f'konformità mal-Artikolu 50 u l-Artikolu 51 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 282/2011, għandhom jiġu applikati għax-xiri ta' oġġetti u servizzi mill-AnaEE-ERIC u minn Membru tal-AnaEE-ERIC skont it-tifsira tal-Kapitolu 2 u tal-Kapitolu 3 tal-Istatuti li huma għall-użu uffiċjali u esklużiv mill-AnaEE-ERIC, dment li dak ix-xiri jsir biss għall-attivitajiet mhux ekonomiċi tal-AnaEE-ERIC f'konformità mal-attivitajiet tiegħu. L-eżenzjonijiet mill-VAT għandhom ikunu limitati għal xiri li jaqbeż il-valur ta' EUR 300.
2. L-eżenzjonijiet mid-dazju tas-sisa bbażati fuq l-Artikolu 12 tad-Direttiva tal-Kunsill 2020/262, għandhom ikunu limitati għal xiri mill-AnaEE-ERIC li jkun għall-użu uffiċjali u esklużiv tal-AnaEE-ERIC, dment li t-tali xiri jsir biss għall-attivitajiet mhux ekonomiċi tal-AnaEE-ERIC f'konformità mal-attivitajiet tiegħu, u li x-xiri jaqbeż il-valur ta' EUR 300.
3. Ix-xiri minn membri tal-persunal mhumiex koperti mill-eżenzjonijiet.

KAPITOLU 7

MIXXELLANJI

Artikolu 34

Liġi applikabbli

Il-funzjonament intern tal-AnaEE-ERIC għandu jkun regolat:

1. Bid-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari r-Regolament (KE) Nru 723/2009, kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1261/2013.
2. Mil-liġi tal-Istat fejn l-AnaEE-ERIC ikollu s-sede statutorja tiegħu fil-każ ta' kwistjonijiet li mhumiex, jew li huma biss parzjalment, regolati mid-dritt tal-Unjoni.
3. Minn dawn l-Istatuti u mir-Regoli tal-Operat.

Artikolu 35

Lingwa ta' ħidma

Il-lingwa ta' ħidma tal-AnaEE-ERIC għandha tkun l-Ingliż.

Artikolu 36

Tilwim

1. Fil-każ ta' tilwima jew differenza bejn il-Membri li tirriżulta mill-Istatuti jew b'rabta magħhom, l-Assemblea tal-Membri għandha tiltaqa' kemm jista' jkun malajr, b'mod li jkun raġonevolment prattikabbli, sabiex tikkonsulta b'rieda tajba u tfittex li ssolvi t-tilwima b'mod amikevoli.
2. Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għandu jkollha l-ġurisdizzjoni fuq il-litigazzjoni fost il-Membri fir-rigward tal-AnaEE-ERIC, bejn il-Membri u l-AnaEE-ERIC u fuq kwalunkwe litigazzjoni li l-Unjoni Ewropea hija parti minnha.

3. Il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea dwar il-ġurisdizzjoni għandha tapplika għat-tilwim bejn l-AnaEE-ERIC u partijiet terzi. F'każijiet mhux koperti mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea, hija l-liġi tal-Istat fejn l-AnaEE-ERIC għandu s-sede statutorja tiegħu li għandha tiddetermina l-ġurisdizzjoni kompetenti għar-riżoluzzjoni ta' dan it-tilwim.

Artikolu 37

Emendi għall-Istatuti, aġġornamenti u disponibbiltà

1. Kwalunkwe emenda għall-Istatuti għandha tkun soġġetta għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 723/2009 kif emendat bir-Regolament (KE) 1261/2013.
2. L-Istatuti għandhom jinżammu aġġornati u jkunu disponibbli għall-pubbliku fuq is-sit elettroniku tal-AnaEE-ERIC u fis-sede statutorja.

Artikolu 38

Dispożizzjonijiet dwar l-istabiliment

1. L-ewwel laqgħa tal-Assemblea tal-Membri għandha tissegħ mill-Istat fejn l-AnaEE-ERIC għandu s-sede statutorja tiegħu mill-aktar fis possibbli wara li tidħol fis-seħħ id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tistabilixxi l-AnaEE-ERIC.
2. Qabel ma ssir l-ewwel laqgħa u mhux aktar tard minn ħamsa u erbgħin jum kalendarju wara li tidħol fis-seħħ id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tistabilixxi l-AnaEE-ERIC, l-Istat rilevanti għandu jinnotifika lill-Membri u lill-Osservaturi fundaturi tal-AnaEE-ERIC bi kwalunkwe azzjoni legali urġenti speċifika li jeħtieġ li tittieħed fisem l-AnaEE-ERIC. Sakemm Membru fundatur ma joġġezzjonax fi żmien ħamest ijiem ta' xogħol wara li jiġi nnotifikat, l-azzjoni legali għandha titwettaq minn persuna debitament awtorizzata mill-Istat rilevanti.

ANNEX I

DEFINIZZJONIJIET

Għall-finijiet ta' dawn l-Istatuti, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

1. “**AnaEE**” tfisser: L-infrastruttura tar-riċerka pan-Ewropea dwar ekosistemi terrestri u akkwatiċi ġestiti u mhux ġestiti li se jipprovdur aċċess għal sett kbir distribwit u kkoordinat ta' pjattaformi sperimentali li jkopru l-firxa kbira tal-ekosistemi u taż-żoni klimatiċi tal-Ewropa kif ukoll għal pjattaformi analitiċi u ta' mmudellar tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku sabiex jappoġġawhom. Billi tissimula b'mod sperimentali xenarji futuri, l-AnaEE se tkejjel u tippredvi r-rispons tal-ekosistemi għall-bidliet ambjentali u fl-użu tal-art u se tittestja l-opzjonijiet tal-inġinerija tal-mitigazzjoni u tal-adattament għall-manteniment tas-servizzi tal-ekosistemi.
2. “**AnaEE-ERIC**” tfisser: L-entità ġuridika li tikkonsisti fil-Hub u fi tliet ċentri ta' servizzi: Ċentru tal-Interfaċċa u s-Sinteżi (ISC), Ċentru tat-Teknoloġija (TC), Ċentru tal-Immudellar tad-Data (DMC).
3. “**Nodu Nazzjonali**” tfisser: Entità operazzjonali li torganizza l-kontribuzzjoni ta' pjattaformi sperimentali, analitiċi u ta' mmudellar ta' pajjiż partikolari lil AnaEE.
4. “**Kuntatt tan-Nodu**” tfisser: Il-persuna maħtura minn Nodu Nazzjonali sabiex tinteraġixxi direttament mad-Direttur Ġenerali dwar kwalunkwe kwistjoni minn Nodu Nazzjonali jew lilu.
5. “**Pjattaforma Nazzjonali**” tfisser: faċilità sperimentali li tikkonforma mal-kriterji tal-AnaEE u li hija appoġġata minn istituzzjoni minn pajjiż Membru tal-AnaEE-ERIC.
6. “**Tip ta' pjattaforma**” tfisser: L-approċċ ewlieni propost minn Pjattaforma Nazzjonali. Hemm erba' approċċi possibbli: esperimentazzjoni fil-beraħ, esperimentazzjoni magħluqa, miżuri analitiċi u mmudellar.
7. “**data tal-AnaEE**” tfisser:
 - a. *data*, software, dokumenti, protokollu prodotti mill-AnaEE-ERIC;
 - b. *data* ewlenija tal-pjattaformi: il-parametri ambjentali li jitkejlu regolarment fit-tul mill-pjattaformi, xi wħud minnhom jistgħu jaqgħu taħt ir-regolament INSPIRE;
 - c. id-*data* tal-proġetti ospitati mill-pjattaformi ta' AnaEE.

ANNEX II

LISTA TAL-MEMBRI, TAL-OSSERVATORI U TAL-ENTITAJIET RAPPREŻENTANTI TAGĦHOM

Membru	Entità Rappreżentanti
Ir-Repubblika Franċiża	Centre National de la Recherche Scientifique (CNRS)
Ir-Renju tad-Danimarka	L-Università ta' Copenhagen.
Ir-Repubblika Ċeka	Il-Ministeru tal-Edukazzjoni, iż-Żgħażaġħ u l-Ispport
Ir-Repubblika Taljana	Consiglio per la Ricerca in Agricoltura e l'Analisi dell'Economia Agraria (CREA)
Ir-Repubblika tal-Finlandja	L-Istitut tar-Riżorsi Naturali tal-Finlandja (LUKE)
Ir-Repubblika tal-Bulgarija	Il-Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xjenza
CIHEAM	Mhux Applikabbli
Osservatur	Entità Rappreżentanti
Ir-Renju tal-Belġju	L-Uffiċċju Belġjan tal-Politka Xjentifika (BELSPO)

ANNEX III

BAĠIT – KONTRIBUZZJONIJIET

MUDELL TA' FINANZJAMENT TAL-ANAEE-ERIC

Il-baġits tas-Servizzi Ċentrali huma parti mill-baġit tal-ERIC u taħt is-setgħa tat-teħid ta' deċizzjonijiet tal-Assemblea tal-Membri. Il-kostijiet operazzjonali ta' AnaEE-ERIC huma koperti fil-parti l-kbira mill-finanzjament pubbliku tal-Membri tagħha.

Hija mistennija kontribuzzjoni Primjum Ospitanti minima ta' 50 % matul il-Fażi Operazzjonali meta l-AnaEE-ERIC jiġi approvat. Il-bqija tal-infiq tas-Servizzi Ċentrali għandu jkun kopert minn kontribuzzjonijiet annwali tat-tariffa tas-Sħubija (minn hawn 'il quddiem imsejħa t-Tariffa tas-Sħubija) lejn l-AnaEE-ERIC li hija l-entità ġuridika antiċipata. Il-kontribuzzjonijiet Primjum Ospitanti jstgħu jiġu pprovduti bħala flus u/jew parzjalment *in natura*, filwaqt li t-tariffa tas-Sħubija għandha tiġi pprovduta fi flus sabiex tkopri l-ispejjeż fis-Servizzi Ċentrali relatati ma', eż., oġġetti konsumabbli, vjaġġar tal-persunal, laqgħat, sensibilizzazzjoni, servizzi (inkluż eż. legali, tal-kontabbiltà, tal-awditjar, tal-kummerċjalizzazzjoni, tar-reklutaġġ u tas-sottokuntrattar), tagħmir (software, liċenzji eċċ.) u s-salarju tad-Direttur Ġenerali. Il-kontribuzzjonijiet *in natura* fir-riżorsi umani minn pajjiżi mhux ospitanti għandhom jiġu kkunsidrati u deċiżi każ b'każ fl-Assemblea tal-Membri tal-AnaEE-ERIC. It-tariffa tas-Sħubija tal-AnaEE-ERIC għandha tiġi allokata liċ-Ċentri tas-Servizzi kollha bid-deċiżjoni tal-Assemblea tal-Membri.

Il-mudell propost dwar kif għandhom jiġu kondiviżi l-kostijiet tal-Hub Ċentrali u taċ-Ċentri ta' Servizzi koperti mit-Tariffa tas-Sħubija huwa ta' 50 % *Sehem Ugwali* + 25 % *PDG* + 25 % *numru tal-pjattaforma* (ara d-dettalji ta' hawn taħt).

It-tariffi tas-sħubija u l-kontribuzzjonijiet Primjum Ospitanti jibqgħu kostanti għall-ewwel perjodu ta' 5 snin (inkluż l-ewwel sena mqassra). Wara dan il-perjodu, l-Assemblea tal-Membri tirrevedi t-Tariffa tas-Sħubija. Il-kontribuzzjoni tal-Membri l-ġodda tinħadem skont ir-regola proposta f'dan l-Anness, iżda, sa tmiem l-ewwel ċiklu ta' ħames snin, ma jkollhiex impatt fuq il-kontribuzzjoni ta' Membri oħra. Fi tmiem iċ-ċiklu ta' 5 snin, il-kontribuzzjoni tal-Membri (jiġifieri dawk li jsiru Membri wara li jkun għe stabbilit l-ERIC) tiġi riveduta skont ir-regoli definiti mill-Assemblea tal-Membri.

Kontribuzzjonijiet eċċezzjonali mill-Membri u mill-Osservaturi huma milqugħin għall-attivitajiet speċifiċi tal-AnaEE-ERIC.

Il-mudell għat-Tariffa tas-Sħubija jikkonsisti fil-komponenti li ġejjin:

1. **Sehem Ugwali** = id-diviżjoni ta' 50 % tal-kostijiet tas-Servizzi Ċentrali li mhumiex koperti mill-kontribuzzjoni Primjum Ospitanti bl-istess mod fost il-Membri;
2. **Il-Prodott Domestiku Gross [PDG]** = id-diviżjoni ta' 25 % tal-kostijiet mhux koperti mill-kontribuzzjoni Primjum Ospitanti fost il-Membri li jużaw sehem perċentwali speċifiku għall-Membri tal-PDG totali tal-Membri kollha. Ir-referenza għandha tkun il-PDG medju matul l-aħħar perjodu magħruf ta' 5 snin qabel il-konstituzzjoni tal-ERIC (2014 – 2018 f'Janar 2020). Id-*data* għall-istimi tal-PDG tiġi mill-Eurostat, u għal pajjiżi oħra, mill-Bank Dinji;
3. **Il-Kontribuzzjoni bbażata fuq in-numru tal-pjattaforma** = id-diviżjoni ta' 25 % tal-kostijiet mhux koperti mill-kontribuzzjoni Primjum Ospitanti fost il-Membri li jużaw kontribuzzjonijiet ta' pjattaforma speċifiċi għall-Membri. Għandu jntalab ħlas għat-tipi ta' Pjattaformi differenti bil-mod li ġej:
 - Il-pjattaformi tal-ekosistemi fil-miftuħ, mingħajr manipolazzjoni tat-tibdil fil-klima, u l-pjattaformi tal-ekosistemi fil-magħluq kollha jiġu ċċarġjati **prezz sħiħ**;
 - Il-pjattaformi tal-ekosistemi fil-miftuħ b'manipolazzjonijiet tat-tibdil fil-klima jkollhom skont ta' **20 %**, il-pjattaformi analitiċi skont ta' **25 %** u l-pjattaformi tal-immudellar skont ta' **50 % fuq il-prezz sħiħ**.

Il-formula matematika korrispondenti użata sabiex jiġi dderivat il-prezz sħiħ tal-pjattaforma u t-Tariffa tas-Sħubija għall-Membri tal-AnaEE-ERIC (indikata b"*i*") hija mogħtija hawn taħt.

$$\text{Platform Price}_{\text{full}} = \frac{0,25 \left(1 - \frac{HC}{100\%}\right) \text{budget}}{N_{\text{Openair},0} + N_{\text{Enclosed}} + 0,8 N_{\text{Openair},1} + 0,75 N_{\text{Analytical}} + 0,5 N_{\text{Modelling}}}, \text{ (Ekwazzjoni 1)}$$

fejn HC hija l-kontribuzzjoni Primjum Ospitanti (%), il-baġit huwa l-baġit totali tas-Servizzi Ċentrali, N tirrappreżenta n-numru ta' Pjattaformi Nazzjonali distribwiti fl-infrastruttura tal-AnaEE-ERIC u l-ittri subskritti tagħha jiddeskrivu t-tip ta' pjattaforma; *Openair,0* (Pjattaforma ta' ekosistemi fil-miftuħ, l-ebda manipolazzjoni tat-tibdil fil-klima), *Openair,1* (Pjattaforma tal-ekosistemi fil-miftuħ, manipolazzjonijiet tat-tibdil fil-klima mwettqa), *Enclosed* (Pjattaforma ta' ekosistemi fil-magħluq), *Analytical* u *Modelling*.

Imbagħad, it-Tariffa tas-Sħubija totali għal Membru i hija:

$$\text{Membership Fee} = 0,50 \frac{\left(1 - \frac{HC}{100\%}\right)}{N_{\text{Members}}} \text{budget} + 0,25 \frac{GDP_i}{100\%} \left(1 - \frac{HC}{100\%}\right) \text{budget} + (N_{i,\text{Openair},0} + N_{i,\text{Enclosed}} + 0,8 N_{i,\text{Openair},1} + 0,75 N_{i,\text{Analytical}} + 0,5 N_{i,\text{Modelling}}) \text{PlatformPrice}_{\text{full}}$$

(Ekwazzjoni 2)

fejn N_{Members} hija n-numru ta' Membri sħaħ tal-AnaEE-ERIC, GDP_i huwa sehem perċentwali speċifiku għal membru tal-PDG totali tal-Membri kollha u N_i huwa n-numru speċifiku għall-Membru ta' ċerti tipi ta' pjattaformi (simili għal dak ta' hawn fuq).

It-Tariffa tas-Sħubija mill-organizzazzjonijiet intergovernattivi tiġi kkalkolata bħala somma sħiħa, li għandu jintlaħaq qbil fuqha abbażi tar-regola ta' 5 snin (inkluż reviżjoni possibbli fi tmiem ċiklu ta' 5 snin), flimkien ma' tariffa bbażata fuq in-numru u fuq it-tip ta' pjattaformi li jospita, derivata mill-ekwazzjoni 2 ta' hawn fuq.

$$\text{Tariffa tas-Sħubija ta' organizzazzjoni Intergovernattiva} = L + (N_{i,\text{Openair},0} + N_{i,\text{Enclosed}} + 0,8 N_{i,\text{Openair},1} + 0,75 N_{i,\text{Analytical}} + 0,5 N_{i,\text{Modelling}}) \text{PlatformPrice}_{\text{full}}$$

(Ekwazzjoni 3)

Fejn L hija s-somma sħiħa miftiehma

It-tariffa għall-Osservaturi tkun tariffa fissa ugwali għal nofs il-medjan tat-Tariffa tas-Sħubija (pajjiżi biss). Din it-tariffa tiżdied fl-aħħar tal-komputazzjoni tal-baġit.

Għall-baġit totali previst ta' EUR 900 000 u għall-Membri involuti attwali fil-fażi ta' implimentazzjoni (6 pajjiżi Membri, organizzazzjoni intergovernattiva membru 1 u Osservatur 1), il-baġit ipproġettat huwa mogħti fid-dettall hawn taħt meta titqies tariffa medjana ta' EUR 60 000.

It-tabelli ta' hawn taħt jiġbru fil-qosor il-baġit tal-AnaEE-ERIC bl-ipoteżi li jkun hemm tariffi totali tal-Membri tal-pajjiż ta' EUR 400 000, tariffa ta' EUR 30 000 bħala somma sħiħa tal-organizzazzjoni intergovernattiva, Osservatur, u l-pjattaformi magħrufa.

Tabella 1

Tariffi annwali tas-sħubija

Membri	Tariffa (EUR k)
Il-Bulgarija	39
Ir-Repubblika Ċeka	47
Id-Danimarka	58
Il-Finlandja	61
Franza	103
L-Italja	92
It-tariffi tal-pajjiż / sena	400
Org. Int. [CIHEAM]	35
Tariffi totali tal-membri	435
Osservatur tal-Belġju	30
Tariffi totali/sena (Membri + Osservatur)	465

Tabella 2

Baġit annwali taċ-ċentri ta' servizzi u kontribuzzjoni primjum ospitanti.

Baġit taċ-ċentri ta' servizzi (EUR k)			Kontribuzzjoni Primjum Ospitanti (EUR k)
Hub	360	40 %	174
TC	207	23 %	100
ISC	117	13 %	57
DMC	216	24 %	104
Total	900		435

Tabella 3

Baġit tal-AnaEE-ERIC

Membru	Tariffa tas-Sħubija (EUR k)	Kontribuzzjoni Primjum Ospitanti (EUR k)	Kontribuzzjoni totali (EUR k)
Il-Bulgarija	39	0	39
Ir-Repubblika Ċeka	47	57	104
Id-Danimarka	58	100	158
Il-Finlandja	61	0	61
Franza	103	174	277
L-Italja	92	104	196
CIHEAM	35	0	35
Il-Belġju	30	0	30
TOTAL			900